# Żewġ sejħat kbar

Meta nitkellmu fuq il-fidi, nkunu qed nitkellmu dwar dak l-att ta' twemmin u fiduċja li jgħaddi bejn min jemmen u Alla. Biex inkunu nistgħu nemmnu aktar fih, Alla tana żewġ doni speċjali lilna l-bnedmin. L-ewwel, aħna għandna l-qawwa li mmorru lil hinn mill-affarijiet li naraw b'għajnejna u nisimgħu b'widnejna biex nemmnu f'affarijiet oħra. It-tieni, Alla wera lilu nnifsu lill-bniedem. Alla ried li aħna nsiru nafu aktar.

Marbuta ma' dawn iż-żewġ doni speċjali li Alla tana, il-fidi nisranija tagħna tagħmlilna żewġ sejħat kbar. L-ewwel, għandna bżonn ninqatgħu ftit mill-affarijiet materjali biex moħħna jaħseb aktar fuq il-ħwejjeġ ta' Alla. Alla jrid li nagħtu aktar attenzjoni lill-ħwejjeġ li rrivelalna Hu, l-aktar f'Ġesù, biex inħalluhom imexxulna ħajjitna. Hemm bżonn nagħtu aktar ħin lil Alla u lill-Kelma tiegħu.

It-Tieni, hemm bżonn li tikber fina x-xewqa li nsiru nafu lil Alla aħjar. Hemm bżonn li nkunu nafu l-fidi tagħna aħjar. Il-bniedem ta' fidi huwa dak il-bniedem li ma jistenniex iċ-ċirkustanzi bħal mard u mewt fil-qrib jipprovdulu l-ispazju biex jaħseb fuq Alla, iżda jfittex li jħalli spazju biex isir jaf lil Alla hu stess fil-ħajja ta' kuljum. Alla l-Imbierek ġabar dak kollu li kellu jgħidilna fil-persuna ta' Ġesù. Hemm bżonn li naqraw x'għamel u x'qal Ġesù l-aktar fil-Vanġeli. Fil-Vanġeli nsibu kliem Ġesù, il-Kelma ta' Alla għalina.

Ġesù ħallielna komunità biex fiha nimxu flimkien warajh; din hija l-Knisja. Hemm bżonn li nkunu preżenti aktar fil-komunità nisranija u nipparteċipaw aktar fil-ħajja tal-Knisja. Ġesù tana wkoll l-Ewkaristija. Il-grazzji li nieħdu mill-Quddiesa ma nistgħu neħduhom minn imkien ieħor.

Kulma rridu nagħtu lil Alla huwa biss il-ħin u l-attenzjoni; il-kumplament lest li jagħtihulna Hu. Din hi l-fidi nisranija tagħna. Il-fidi, għax ġejja minn Alla, ma jista' jegħlibha xejn u tagħmel fina ħwejjeġ kbar, jekk ngħixuha bis-serjetà.

## Ħinijiet tal-Quddies u tal-Uffiċċju Parrokkjali

**Ħinijiet tal-Quddies**
*Mit-Tnejn sas-Sibt:* 7.00a.m., 8.30a.m., 6.00p.m.
*Il-Ħadd:* 7.00a.m., 8.30a.m., 10.00a.m., 6.00p.m.

**Tixtieq tqerr?**
Idħol fis-sagristija qabel jew wara l-quddiesa.

***Ħinijiet tal-Uffiċċju Parrokkjali:***
*It-Tnejn u l-Erbgħa:*
4.30p.m. – 5.30p.m.
*Is-Sibt:* 9.30a.m. – 11.00a.m.
*Tel:* 21 448 026 / 27 448 026
*E-mail:* parrocca.b'kara.sm@maltadiocese.org

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270*






PARROĊĊA SANTA MARIJA - BIRKIRKARA
Jannar 2014

# Il-Kelma tal-Kappillan

Il-festa tal-Milied toffrilna okkażjoni ta' riflessjoni dwar kif Alla jistenna li jkunu l-familji tagħna. Għalkemm ħafna tfal jitrabbew fl-għożża taż-żewġ ġenituri tagħhom, dan mhux dejjem huwa l-każ. Xi drabi, it-twelid ikun imdawwar biss mill-omm għax il-missier ikun dabbar rasu. Dan iġib tbatija kbira sew għall-omm u sew għat-tarbija.

Realtà oħra ta' żmienna huma s-separazzjonijiet. F'kull separazzjoni, it-tfal minflok ma' jintelqu biex igawdu l-imħabba kontinwa tal-ġenituri, ikollhom jagħmlu għażliet dwar kif se jġibu ruħhom mal-ġenituri tagħhom biex ma jweġġgħux wisq emozzjonalment. Aħna ma nistgħux nikkundannaw il-ġenituri li jisseparaw, imma s-separazzjonijiet dejjem jiżdiedu joffrulna sfida biex nagħtu s-sehem tagħna ħalli ntejbu s-soċjetà tagħna għall-ġid tat-tfal.

Xi kultant il-ġenituri jieħdu deċiżjonijiet żbaljati jew jitfixklu fil-prijoritajiet tagħhom u f'dan kollu l-aktar li jbatu huma t-tfal. Meta l-ġenituri jpoġġu fl-ewwel post l-interessi personali tagħhom u mhux ta' wliedhom l-aktar li jbatu huma t-tfal.

Anke bħala soċjetà nistgħu niżbaljaw u għall-iżbalji tagħna jħallsu prezz għoli ħafna t-tfal. Jekk f'pajjiżna jkollna liġijiet li jfixklu l-familja l-aktar li jbatu huma t-tfal. Meta l-atmosfera fis-soċjetà tagħna tant teħżien li fil-familja t-tfal ma jibqgħux l-aqwa ġid l-aktar li jbatu huma t-tfal.

Bħalma Ġużeppi u Marija ħejjew qalbhom u moħħhom u l-ħajja flimkien biex jilqgħu lil Ġesù, Alla jistenna li l-ħidma prinċipali tal-koppja nisranija ma tkunx biss l-att fiżiku li permezz tiegħu titwieled tarbija, iżda t-tħejjija tagħhom f'imħabba dejjiema biex permezz tagħha kull tarbija mhux biss titwieled iżda tikber imħaddna mill-imħabba tal-ġenituri.

***Fr Lino***

# Djarju - Jannar 2014

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 1 | Solennità tal-Verġni Marija Omm Alla u Jum il-Paċi: Marija hija l-mudell tal-bniedem li l-Kelma ta' Alla jgħożżha, jaħseb fuqha u jħalliha tmexxih. |
| Il-Ġimgħa 3 | L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Illum Ġesù Ewkaristija jkun espost għall-qima tagħna bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m. u mill-4.00p.m. sas-5.45p.m. Bejn il-4.45pm u l-5.45pm ikollna adorazzjoni mmexxija mill-Grupp tal-Ħniena Divina. |
| Il-Ħadd 5 | Solennità tal-Epifanija tal-Mulej: Il-Maġi ġew mill-bogħod biex jaraw lil Ġesù tarbija u jagħtuh qima. Il-Maġi jwieġbu għas-sejħa ta' Alla u jirċievu d-dawl tal-Fidi. |
| Il-Ħamis 9 | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| Il-Ħadd 12 | Festa tal-Magħmudija tal-Mulej: Dakinhar tal-magħmudija ta' Ġesù instema' leħen il-Missier mis-Sema: "Inti Ibni l-għażiż, fik sibt il-għaxqa tiegħi". |
| Il-Ħamis 16 | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| Is-Sibt 18 | Illum jibda l-Ottavarju (8 ijiem) ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara. Nitolbu b'ħerqa kbira għall-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu f'Ġesù ħalli jfittex jasal il-jum li fih il-Knisja tkun waħda. |
| Il-Ħadd 19 | It-Tieni Ħadd Matul is-Sena A: Ġesù huwa l-Ħaruf ta' Alla, jiġifieri, dak li jagħmel f'kollox ir-rieda ta' Alla. Ġesù huwa dak li miet għalina biex ħelisna mill-ħakma tad-dnub. |
| Il-Ħamis 23 | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |
| Is-Sibt 25 | Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl: Meta jiltaqa' mal-Mulej, San Pawl idur b'qalbu kollha lejn Ġesù u jilqa' s-sejħa li jagħmillu. |
| Il-Ħadd 26 | It-Tielet Ħadd Matul is-Sena A: Ġesù jippriedka l-indiema tal-qalb li tbiddilna mid-dlam għad-dawl. Aħna għandna nħallu dak kollu li jżommna 'l bogħod minn Ġesù u nimxu warajh. |
| Il-Ħamis 30 | Wara l-quddiesa tas-6.00p.m. ikollna ħin ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. |





## Tberik tal-Familji 2014

*Jibda dejjem fl-4.30pm*

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 28 ta' Jannar:** | Triq E. B. Vella (in-naħa taċ-ċentru parrokkjali). |
| **L-Erbgħa 29 ta' Jannar:** | Triq l-Istazzjon. |
| **Il-Ġimgħa 31 ta' Jannar**: | Triq E. B. Vella (in-naħa ta' misraħ K. Rizzo) u Misraħ K. Rizzo. |
| **It-Tlieta 4 ta' Frar:** | Triq K. Galea (in-naħa t'isfel). |
| **L-Erbgħa 5 ta' Frar:** | Triq F. Żahra u Triq il-5 ta' Diċembru. |
| **Il-Ġimgħa 7 ta' Frar:** | Triq K. Galea (in-naħa ta' fuq) u Triq id-Dar tal-Kleru. |
| **It-Tlieta 11 ta' Frar:** | Triq Dun Xand Cortis, Triq San Lawrenz, Triq il-Madonna ta' Pompei u Triq San Pawl. |
| **L-Erbgħa 12 ta' Frar:** | Triq Ħal Qormi (minn Triq Notabile sa Misraħ 28 ta' Frar). |
| **Il-Ġimgħa 14 ta' Frar:** | Triq F. Busuttil, Misraħ 28 ta' Frar u Triq Ħal Qormi (minn Misraħ 28 ta' Frar sal-bus terminus). |
| **It-Tlieta 18 ta' Frar:** | Triq E. Schembri u Triq S. Mizzi. |
| **L-Erbgħa 19 ta' Frar:** | Triq San Vinċenz, Triq il-Kolleġġjata u Triq Notabile (in-naħa ta' Farsons) |
| **Il-Ġimgħa 21 ta' Frar:** | Triq il-Knisja l-Qadima |
| **It-Tlieta 25 ta' Frar:** | Triq Ġ. Orlando. |
| **L-Erbgħa 26 ta' Frar:** | Triq K. Żerafa. |
| **Il-Ġimgħa 28 ta' Frar:** | Triq T. Dingli, Triq V. Cassar u Triq Azzopardi. |

**It-tberik tal-familji jkompli wara l-Għid kif ġej:**

| | |
|---|---|
| **It-Tlieta 29 t'April:** | Triq C. Brincat u Triq il-Maġġur A. Aquilina. |
| **L-Erbgħa 30 t'April:** | H.E. tal-Imrieħel u Triq P. P. Castagna. |
| **Il-Ġimgħa 2 ta' Mejju:** | Misraħ San Alwiġi u Triq Santa Tereża. |
| **It-Tlieta 6 ta' Mejju:** | Triq B. Bontadini. |
| **L-Erbgħa 7 ta' Mejju:** | Triq il-Ferrovija l-Qadima. |
| **Il-Ġimgħa 9 ta' Mejju:** | Triq F. Geneste. |
| **It-Tlieta 13 ta' Mejju:** | Triq l-Imrieħel u Sqaq l-Imrieħel. |
| **L-Erbgħa 14 ta' Mejju:** | Triq il-Qanniċ, Triq ix-Xorrox u Triq il-Parroċċa Santa Marija. |
| **Il-Ġimgħa 16 ta' Mejju**: | Triq il-Kan. I. Galea, Triq l-Isqof B. Cagliares u Triq Notabile (faċċata ta' V&F Portelli). |